Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,079, 4 ta' Lulju, 2023

Taqsima B

A.L. 143 tal-2023

ATT DWAR IT-TRATTAMENT XIERAQ TAL-ANNIMALI (KAP. 439)

Regolamenti Implimentattivi tal-2023 dwar il-Protezzjoni tal-Annimali waqt it-Trasport u Operazzjonijiet relatati

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 22 tal-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali, il-Ministru responsabbli għas-servizzi veterinarji għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u għan.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti Implimentattivi tal-2023 dwar il-Protezzjoni tal-Annimali waqt it-Trasport u Operazzjonijiet relatati.

(2) Dawn ir-regolamenti jimplimentaw ir-rekwiżiti tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1/2005 tat-22 ta' Diċembru 2004 dwar il-protezzjoni ta' l-annimali waqt it-trasport u operazzjonijiet relatati u li temenda d-Direttivi 64/432/KEE u 93/119/KE u r-Regolament (KE) Nru 1255/97.

Tifsir.

2. (1) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"Att" tfisser l-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali; Kap. 439.

"awtorità kompetenti" tfisser l-awtorità kompetenti skont it-tifsira tal-Artikolu 3(3) tar-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għat-territorju ta' Malta;

"Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1/2005" tfisser ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1/2005 tat-22 ta' Diċembru 2004 dwar il-protezzjoni ta' l-annimali waqt it-trasport u operazzjonijiet relatati u li temenda d-Direttivi 64/432/KEE u 93/119/KE u r-Regolament (KE) Nru 1255/97.

(2) Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra, it-tifsir tal-Att u dawk tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1/2005 għandhom japplikaw.

Ħatra tal-awtorità kompetenti.

3. Is-Servizzi Veterinarji għandhom ikunu l-awtorità kompetenti għall-finijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1/2005.

Reati u pieni.

4. Fejn id-Direttur tas-Servizzi Veterinarji jkollu raġuni valida sabiex jemmen li twettaq reat fir-rigward ta' dawn ir-regolamenti jew tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1/2005, huwa jista':

(a) bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti u tal-Att, jistitwixxi proċeduri quddiem il-qorti kompetenti fil-konfront ta' persuna li tikser xi waħda mid-dispożizzjonijiet li jirriżultaw minn dawn ir-regolamenti. Il-persuna għandha, meta tinstab ħatja, teħel multa ta' mhux inqas minn ħdax-il elf u sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87) u mhux aktar minn erbgħa u tletin elf u disa' mija u erbgħin euro u sittin ċenteżmu (€34,940.60). Il-Qorti tista' wkoll tordna lil kull persuna li tinstab ħatja li wettqet reat fir-rigward ta' dawn ir-regolamenti, li tħallas għall-ispejjeż kollha inkorsi mill-awtorità kompetenti bħala riżultat tal-imsemmi reat, ir-revoka tal-permess maħruġ skont dawn ir-regolamenti u l-konfiska, iż-żamma u d-disponiment tal-*corpus delicti*; jew

(b) japplika d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 47 tal-Att.

Tħassir u riżervi.

5. (1) Ir-regolamenti segwenti huma b'dawn imħassra:

L.S. 439.05.

(a) Regolamenti dwar Standards ta' Vetturi Stradali fil-Ġarr ta' Annimali fi Vjaġġi ta' aktar minn Tmien Sigħat; u

L.S. 439.10.

(b) Regolamenti dwar il-Protezzjoni ta' l-Annimali matul il-Ġarr.

(2) Kwalunkwe att, deċiżjoni jew azzjoni meħuda qabel id-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti għandhom jibqgħu jiġu regolati mid-dispożizzjonijiet tar-regolamenti elenkati fis-subregolament (1) kif fis-seħħ qabel id-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti.